# QORTI ĊIVILI PRIM'AWLA

## ONOR. IMĦALLEF TONI ABELA LL.D.

**Seduta ta' nhar il-Hamis, 20 ta' Ottubru, 2022**

**Numru:**

**Rikors Numru: 489/2018 TA**

**Rachel Galea (I.D.200676(M)**

**vs**

**Anthony sive Tony Mckay (I.D.267270(M), u**

**L-Awtoritá tal-Artijiet**

**<u>Il-Qorti:</u>**

Rat ir-rikors ġuramentat, preżentat minn Rachel Galea (L-Attriċi) ippreżentat u maħluf minnha fis-17 ta' Mejju 2018, li permezz tagħha ppremetiet u talbet is-segwenti:

> **1.**"Illi l-esponenti u l-konvenut kienu żżewġu fis-16 ta' Marzu tas-sena elf disgħa mija sitta u disgħin (1996) b'dan illi huma eventwalment għaddew għal separazzjoni personali miż-żwieġ tagħhom permezz ta' Kuntratt ta' Separazzjoni ta' bejn il-partijiet datat 9 t'Awissu 2012 fl-Atti tan-Nutar Dr. Maronia Fenech (**Dok. A**) anness;

**2** Illi kif jirriżulta mill-istess Kuntratt ta' Separazzjoni, fost l-assi li l-esponenti żammet/kienet assenjata skont l-istess separazzjoni kien hemm il-permess tal-Monti ta' 'pedlar' liema permess kellu jibqa' f'isimha b'dan illi l-konvenut kien ġie awtoriżżat mill-esponenti sabiex jagħmel użu mill-istess permess;

**3.** Illi wara s-separazzjoni tal-partijiet, l-esponenti kienet aċċettat kontra x-xewqa tagħha stante li kienet mhedda mill-konvenut ex-żewġha sabiex l-istess permess jinqaleb fuq il-konvenut liema trasferiment seħħ fid-29 ta' Awwissu tas-sena elfejn u erbatax (2014);

**4.** Illi dan kollu l-esponenti għamlitu unikament sabiex il-konvenut ikun jista' jagħmel **użu** mill-istess permess kif kontemplat fil-Kuntratt ta' Separazzjoni tagħhom mingħajr bl-ebda mod ma kien hemm intendiment mal-konvenut li hija kienet qed tirrinunzja għal kwalsiasi drittijiet oħra konnessi ma' l-istess ftehim, tant li l-esponenti ma tħallset ebda kumpens mingħand il-konvenut għal tali trasferiment,

**5.** Illi sussegwentement l-esponenti saret taf li l-konvenut, mingħajr ma dan informa lill-esponenti u mingħajr ma talab il-kunsens tagħha da bi ftehim ma' l-Awtorita'/Direttur tal-Artijiet, qabad u ċeda d-drittijiet tiegħu in konnessjoni mal-permess tal-Monti hawn fuq imsemmi li kien operat fejn kienet tinsab il-venda tal-karozzi tal-linja quddiem il-funtana tat-Tritoni;

**6.** Illi dan il-ftehim bejn il-konvenut u l-Awtorita'/Direttur tal-Artijiet, datat 10 ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017), kopja ta' liema tinsab hawn annessa bħala **Dok. B** kien jikkontempla li in kontro-kambju għaċ-ċessjoni ta' drittijiet hawn fuq imsemmija, l-istess konvenut jingħata *right of first refusal* biex jkun allokat kiosk ġdid fi Pjazza Tritoni wara li l-proġett ta' tisbieħ ta' l-istess pjazza jiġi konkluż, kif fil-fatt jinsab issa finalizzat għalkemm ma teskludiex li l-konvenut ġie ukoll imwiehed somma noncio' li il-ftehim surreferiet jgħid il-kontra;

**7.** Illi l-esponenti ma teskludix ukoll li oltre dan ir-*right of first refusal*, l-istess konvenut seta' kien intitolat għal kwalsiasi kumpens in konnessjoni maċ-ċessjoni ta' l-istess drittijiet li hu kien igawdi in konnessjoni mat-Trade License Numru 35/2127 pero' dan kollu jkun jista' jiġi verifikat jew konfermat matul il-mori ta' din il-kawża;

**8.** Illi minkejja li l-esponenti, kienet aċċettat sabiex il-Permess tal-Monti jinqaleb fuq il-konvenut kif spjegat aktar qabel, hija qatt ma ftehmet jew aċċettat illi l-istess konvenut kellu jingħata kwalsiasi drittijiet biex iċedi l-permess li kellu jew biex jidħol fi ftehim ma' l-Awtorita tal-Artijiet biex jingħata d-drittijiet li huwa ingħata jew jingħata kwalsiasi kumpens jekk dan seta' kien il-każ;

**9.** Illi wara li l-esponenti saret taf b'dan kollu hija fil-fatt preżentat ittra uffiċjali (**Dok. C** annessa) datata 19 t'Ottubru 2017 fil-konfront ta' l-Awtorita' tal-Artijiet li permezz tagħha l-esponenti talbet sabiex in vista tal-fatt li l-esponenti qatt ma awtorizzat lill-intimat sabiex jidħol f'ebda ftehim konness mal-Permess tal-Monti u liċenzja in kwistjoni, il-ftehim datat 10 ta' Marzu 2017 kellu jitqies li ma kienx wieħed validu u dunque null jew li kellu jiġi mħassar, aktar u aktar meta l-esponenti qatt ma daħlet f'kuntratt mal-konvenut sabiex il-kuntratt ta' separazzjoni surreferiet ikun emendat skont il-liġi;

**10.** Illi permezz ta' ittra uffiċjali responsiva datata 17 ta' Novembru 2017 (**Dok. D** annessa), l-istess Awtorita' wieġbet illi l-pretensjonijiet ta' l-esponenti kienu nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li skont l-istess Awtorita' kienet l-esponenti li applikat sabiex il-permess li kien oriġinarjament fuqha jinqaleb fuq l-intimat kif ukoll stante li allegatament, il-ftehim li sar bejn l-istess Awtorita' u l-intimat sar ma' min kien l-okkupant bħala stat ta' fatt spjegazzjonijiet li l-esponenti mhux qedha taqbel magħhom għar-raġunijiet li jkunu jistghu jingħataw f'aktar dettal matul il-mori tal-kawża;

**11.** Illi fi kwalunkwe każ, tenut kont ta' dan kollu, l-esponenti hi tal-fehma li bil-ftehim li daħal fiħ il-konvenut, dan arrikixxa ruħu indebitament minn drittijiet li kienu spettanti lill-esponenti li għaldaqstant għandha dritt biex tkun hi li tiġi assenjata l-istess drittijiet li ġew mogħtija mill-Awtorita' tal-Artijiet lill-konvenut u/jew kumpens li dan seta' ingħata, jew li jista' jiġi kkumpensat l-istess konvenut, il-valur ġust ta' l-arrekkiment li huwa bbenefika minnu riżultat taċ-ċessjoni tad-drittijiet konnessi mal-Permess tal-Monti in kwistjoni u/jew l-assenjazzjoni ta' Kiosk ġdid li ingħata lilu;

Għaldaqstant tenut kont ta' dak kollu premess f'dan ir-rikors ġuramentat u dak kollu li għandu jirriżulta matul il-mori ta' din il-kawża, ir-rikorrenti titlob umilment sabiex din l- Onorabbli Qorti:

**1)** Tiddikjara u tiddeċiedi illi l-ftehim bejn il-konvenut Anthony sive Tony McKay u l-Awtorita' ta' l-Artijiet, datat 10 ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) huwa null jew rexxindibbli u b'hekk mhux enforzabbli;

**2)** Tordna konsegwentament għal dak mitlub fl-ewwel talba sabiex kwalsiasi drittijiet naxxenti mill-ftehim hawn fuq imsemmi datat 10 ta' Marzu 2017 u kwalsiasi kumpens li seta' jaf tħallas jew li għadu kontemplat li jitħallas in konnessjoni maċ-ċessjoni tad-drittijiet attribwiti lill-konvenut Anthony sive Tony McKay, skont l-istess ftehim għandhom jiġu assenjati u/jew imħallsa lill-esponenti;

**3)** F'każ illi l-ewwel żewġ talbiet ma jintlaqawx, jew f'każ illi kwalsiasi kumpens li kellu jitħallas mill-Awtorita' ta' l-Artijiet diġa' tħallas lill-konvenut Anthony sive Tony McKay, tordna lill-istess konvenut Anthony sive Tony McKay sabiex tħallas lill-attriċi dak il-kumpens li huwa seta' irċieva jew kwalsiasi kumpens ieħor xieraq li jiġi stabbilit u likwidat minn din l-Onorabbli Qorti bil-ħatra ta' esperti nominati għal tali skop jekk ikun il-każ, ekwivalenti għall-valur tad-drittijiet assenjati lilu jew introjtu li għamel jew jista' jkollu bħala konsegwenza tal-ftehim li huwa daħal fiħ ma' l-Awtorita' ta' l-Artijiet datat 10 ta' Marzu tas-sena elfejn u sbatax (2017) u l-operat ta' kwalsiasi kiosk li ġie jew ser jiġi assenjat lilu skont l-istess ftehim;

Bl-ispejjeż tal-ittra ġudizzjarja u ta' dawn il-proċeduri kontra l-istess konvenut li qiegħed minn issa jiġi nġunt għas-subizzjoni u bl-imgħaxijiet mid-data ta' l-eventwali sentenza fuq kwalsiasi kumpens li jiġi hekk likwidat".

Rat ir-risposta ġuramentata tal-Awtoritá tal-Artijiet (l-intimata Awtorita') preżentata u maħlufa minn Peter Mamo fit-12 ta' Ġunju 2018 li permezz tagħha wieġbet is-segwenti:

1. "Illi, in linea preliminari, Rachel Galea ma tistax titlob fl-ewwel talba tagħha żewġ ħwejjeġ totalment differenti u li m'humiex kompatibbli ma' xulxin. Jew il-kuntratt hemmhekk indikat u datat 101/3/2017 huwa null 'ab initio' jew inkella annullabbli.Għalhekk il-kawża hekk kif imressqa hija irrita u nulla u dana a tenur tal-prinċipju 'electra un via non datum recursus ad alteram;

2. Illi il-pretensjoni hekk kif imressqa hija infondata fil-fatt u fid-dritt u dana stante li kienet l-istess Rikorrenti li applikat sabiex il-permess in kwistjoni jinqaleb fuq l-intimat A. McKay u dana a tenur tar-Regolament 19(1)(d) tal-Leġislazzjoni Sussidjarja bin-numru 441.07(Regolamenti Dwar il-Liċenzji tal-Kummerċ). A bażi ta' tali rikjesta seħħ it-trasferiment nhar id-29/VIII/2014. Għalhekk tali trasferiment huwa validu ai fini u effetti kollha tal-liġi;

3. Illi l-pretensjoni attriċi hija infondata ulterjorament stante li fuq proġett nazzjonali li seħħ f'Bieb il-Belt il-Gvern kellu kull jedd skont il-liġi li jidħol fi ftehim ma' kull persuna li jokkupa fiżikament din iż-żona bħal l-intimat A. McKay li kien ukoll detentur ta' liċenzja valida ai fini effetti kollha tal-liġi;

4. Illi l-pretensjonijiet imressqa minn R. Galea huma fis-sustanza tagħha ħwejjeġ li jirrigwardjaw liha u lil-Intimat A. McKay u per konsegwenza l-Awtorita' m'għandhiex tidħol fihom jew tbati xi konsegwenzi a kawża ta' dan u dana skont il-prinċipju ben stabbilit fid-dritt tagħna 'res inter alios act, aliis nec nocet nec prodest'. Għalhekk għal dak li jirrigwardha l-pretensjonijiet in kwantu diretti lejn l-Awtorita' Intimata dawn għandu jiġu miċħuda minnufiħ;

5. Salv linji difensjonali ulterjuri hekk kif premessi mil-liġi.

Għaldaqstant it-talbiet ta' Rachel Galea għandhom jiġu miċħuda a dana spejjeż esklussivament tagħha, speċjalment meta dan ġja' ġie spjegat lilha formalment permezz t-ittra ġudizzjarja u l-istess R. Galea xorta waħda baqgħet tinsisti permezz ta' din l-istanza.

Daqstant l-Awtorita' Intimata għandha l-unur li twieġeb lil din l-Onorabbli Qorti u jħallu għall-ġudizzju savju u superjuri ta' din l-Onorabbli Qorti".

Rat li l-Konvenut Anthony sive Tony Mckay (il-konvenut) baqa' kontumaċi minħabba li, għalkemm ġie notifikat kif imiss, ma ressaq ebda risposta maħlufa fiż-żmien mogħti mil-liġi.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat id-dokumenti li ġew esebiti in atti.

Qrat ix-xhieda fil-kawża.

Rat li l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza.

**<u>Punti ta' fatti:</u>**

L-Attriċi u l-konvenut Anthony sive Mckay huma miżżewġin iżda legalment separati permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni datat 9 t' Awissu 2012 (a' fol 5).

Sentejn wara s-separazzjoni, preċiżament fid-29 ta' Awwissu 2014, l-Attriċi trasferit il-permess tal-Monti ta' pedlar numru 35/2127 minn isimha għal fuq isem il-Konvenut żewġha (ara premessa numru 3 u dokument preżentat mix-xhud Charles Cassar a' fol 79).

Jidher li l-permess ġie hekk trasferit wara li l-Attriċi tat il-kunsens tagħha meta ffirmat l-applikazzjoni għal dan it-trasferiment (ara eċċezzjoni numru 2 a' fol 25). Jirriżulta, li l-konvenut żewġha ma kienx preżenti meta l-Attriċi ffirmat (ara xhieda tal-konvenut Anthony McKay a' fol 49; ara wkoll xhieda ta' Charles Carter a' fol 75 faċċata 2). Kopja ta' din l-applikazzjoni ma ġietx preżentata in atti.

Ftit iktar minn sentejn u nofs wara dan it-trasferiment, preċiżament fl-10 ta' Marzu 2017, il-Konvenut ffirma ftehim mal-Awtoritá Konvenuta. Permezz ta' dan il-ftehim, il-konvenut rrinunzja għal kwalunkwe dritt derivanti mil-liċenzja tal-kummerċ numru 35/2127 (ara ftehim a' fol 12 l-aħħar paragrafu).

Jirriżulta mix-xhieda ta' Peter Mamo li "*Il-Gvern iddeċieda illi iwiegħed... illi ċerti nies li kellhom kjosk jagħtihom ex gratia payment. U ġiet iffissata somma mill-Gvern. U fost oħrajn kien hemm is-Sur McKay li ġie deċiż mill-Gvern li jingħata pagament ex gratia wkoll ta' €25,000*" (ara xhieda a' fol 34 faċċata 2).

Dan l-ammont s'issa għadu ma ngħatax minħabba kawża kostituzzjonali li għada pendenti u li m'għandha l-ebda relevanza għal din il-kawża (ara xhieda ta' Peter Mamo a' fol 56 faċċata 2 u 81 faċċata 2 et seq). Ġie madanakollu preċiżat mill-istess Peter Mamo li dan "*l kumpens, jekk u meta jingħata, jingħata lil min kellu l-liċenja*" jiġifieri l-Konvenut Anthony McKay.

Il-Konvenut Anthony McKay minn naħa tiegħu stqarr li huwa ġia ftiehem mal-attriċi li meta jirċievi dawn il-€25,000 huwa se jagħti €15,000 minnhom lilha filwaqt li jżomm ir-rimanenti €10,000 (ara xhieda a' fol 72).

Sa dan it-tant jirriżulta li l-liċenzja għadha attiva u baqgħet tiġi mġedda kull sena skont il-regolament 15(3) tal-L.S. 441.07 (ara liċenzja a' fol 68 jew 77 u xhieda ta' Brian Montebello, in rappreżentanza tad-dipartiment tal-Kummerċ, a' fol 67).

**<u>Punti ta' Liġi:</u>**

Permezz ta' din l-azzjoni, l-Attriċi qed titlob ir-rexissjoni tal-ftehim tal-10 ta' Marzu 2017 bejn il-Konvenuti Anthony sive Tony McKay u l-Awtoritá tal-Artijiet u li d-drittijiet naxxenti minnu jiġu assenjati u/jew imħallsa lilha. Alternattivament l-Attriċi qed titlob lill-Qorti tordna lil Konvenut żewġha iħallas lill-attriċi kumpens stabbilit u likwidat minn din il-Qorti.

L-Attriċi qed issejjes it-talbiet tagħha fuq l-artikolu 974 b'dawn is-sottomissjonijiet:

1. "*l-kunsens oriġinarjament mogħti mill-esponenti [attriċi] biex il-liċenzja in kwistjoni tinqeleb fuq l-intimat McKay kienet ingħatat minħabba li hija kienet ġiet ippressata li tagħmel hekk*";
2. "*fi kwalunkwe każ qatt ma basret li t-trasferiment li mingħalija kien sar biss sabiex il-konvenut ikun jista' juża l-liċenzja, kien ser iwassal għat-telf ta' kull dritt li hija kellha referibbli għaliha*";
3. "*l-kunsens li kien ingħata mill-istess Konvenut kien ukoll wieħed vizzjat tenut kont li fuq il-ftehim li huwa kien iffirma, ma ssemmiex b'mod konkret il-kumpens ta' €25,000 li ġie konferma li għandu jitħallas*" (ara nota a' fol 110).

Il-Qorti tibda biex tirrileva, li dak li ġie sollevat fin-nota ta' osservazzjonijiet tal-Attriċi dwar il-vizzju tal-kunsens ma jifformax parti la mill-premessi u lanqas fit-talbiet tar-rikors promotur. L-anqas biss qed tintalab dikjarazzjoni fis-sens li l-kunsens tagħha kien ivvizzjat minn wieħed miċ-ċirkostanzi indikati f'artiklu 974 tal-Kodiċi Ċivili. L-unika dikjarazzjoni li qed tintalab hija li l-ftehim bejn il-konvenut u l-Awtorita konvenuta tal-10 ta' Marzu 2017 huwa null.

Iżda kif inhuwa magħruf, it-talbiet iridu jinqraw fid-dawl tal-premessi kif konfezzjonati. Il-Qorti ma sabet xejn li jinkwadra ruħu fil-vizzju tal-kunsens kif legalment huwa mifhum dan il-vizzju fir-rigward tal-ftehim tal-10 ta' Marzu 2017.

L-unika darba jissemma' it-theddid huwa fir-rigward tal-ftehim tad-29 ta' Awwissu tal-2014.

Il-liġi tippreskrivi, fost l-oħrajn, li ċ-Ċitazzjoni għandu jkun fiha tifsir ċar u sewwa tal-oġġett u r-raġuni tat-talba. Dan ifisser ukoll, li l-premessi għat-talbiet għandhom iwasslu lil min qiegħed jaqra l-att biex jara rabta bejn dawk il-premessi u t-talbiet. Marbut ma' dan ir-rekwiżit, hemm il-prinċipju, li l-parti mħarrka trid tingħata l-fakolta' li tkun tista' tiddefendi kif jixraq lilha nnifisha mill-pretensjoni ta' min iħarrikha (Ara **Sentenza tal-P.A. tal-5 ta'Gunju tal-1959 fl-ismijiet Sciortino et -vs- Micallef; Kollez. Vol: XLIII.ii.748**). Di fatti ebda waħda mill-eċċezzjonijiet mogħtija mill-Awtorita' intimata ma tindirizza il-kwistjoni tal-kunsens, sollevata mill-Attriċi per via tan-nota ta' osservazzjonijiet tagħha.

L-uniku Istitut tal-liġi imsemmi mill-Attriċi fir-rikors ġuramentat tagħha huwa dak tal-arrikament indebitu (ara premessa 110). Dwar din l-Istitut, l-Attriċi ma qalet xejn fin-nota ta' osservazzjonijiet tagħha. Għalhekk, din il-Qorti ma tħoss il-ħtieġa li tindirizza dak li jiddisponi l-artikolu 974 tal-Kodiċi Ċivili u dan għaliex apparti dak osservat sa issa, kif ser jingħad aktar 'l isfel, l-Attriċi qed tattakka dokument li lanqas biss kienet parti għalih. Allura kif jista' jingħad li kien hemm vizzju tal-Kunsens!

**Konsiderazzjonijiet:**

B'din l-azzjoni, l-Attriċi għażlet li ma tattakkax l-applikazzjoni tad-29 ta' Awwissu 2014 li biha tat il-kunsens tagħha għat-trasferiment tal-liċenzja minn fuq isimha għal fuq isem żewġha l-Konvenut Anthony sive Tony McKay, minnu legalment

separata sa mis-16 ta' Marzu 1996. B'din l-azzjoni l-Attriċi għażlet minflok li tattakka l-ftehim li daħal fih il-Konvenut żewġha mal-Awtoritá Konvenuta iktar minn sentejn u nofs wara dan it-trasferiment, preċiżament fl-10 ta' Marzu 2017.

L-Attriċi madanakollu ma hijiex parti għal dan il-ftehim li qed tfittex li tirrexindi. Għaldaqstant l-azzjoni minnha esperita ma tistax treġi. Dan għas-sempliċi raġuni li hi ma hiex parti għalih. Fis-sewwa hija estraneja għalih, anke jekk fattwalment jista' jkun li għandha interess fl-eżitu tiegħu. L-Attriċi dan trid taraħ, mhux mal-Awtorita' konvenuta, iżda mal-konvenut, abbażi ta' kull ftehim li jista' għandha miegħu dwar kif għandu jkun ripartit il-kumpens li għandu jirċievi il-konvenut żewġha mingħand l-Awtorita' intimata.

Di fatti anke l-istess konvenut jirrikonoxxi, li hemm dan il-ftehim bejnu u bejn l-attriċi. Kif diġa' rilevat aktar 'l fuq, huwa jammetti li minn din is-somma għandu jagħti ħmistax-il elf ewro. Dan ifisser, li jekk qatt għandha azzjoni, din tispetta lilha kontra il-konvenut żewġha meta jitħallas mill-Awtorita' konvenuta bis-saħħa tal-ftehim l-għandha miegħu, mertu ta' din il-Kawża.

Anke kieku kienet kwistjoni ta' vizzju ta' kunsens, japplika dejjem l-istess prinċipju ingranat fuq il-fatt, **li parti kienet parti għall-ftehim u tat il-kunsens tagħha**. Kif ġie tajjeb ritenut mill-Qorti tal-Maġistrati (**Għawdex) Ġurisdizzjoni Superjuri fil-kawża Joseph Theuma et vs Michael Antelo Theuma et mogħtija fl-1 ta' Ottubru 2009**, "*<u>Il-vizzju fil-kunsens ta' parti f'kuntratt jista' jigi kontestat biss minn dik il-parti li tkun tat il-kunsens bi zball, jew li fuqha tkun giet uzata l-vjolenza jew gie prattikat l-eghmil doluz</u>. Certament mhux minn terzi li*

*ma kienux parti ghall-kuntratt jew xi parti ohra li kienet parti ghall-kuntratt; "L'annullamento e' pronunziato su domanda della parte legittimata, alla quale spetta quindi la decisione se mantenere o meno in vita il contratto. Legittimata e' la parte nel cui interesse e' prevista l'invalidita' del contratto. L'annullabilita' e', precisamente, un generale rimedio giudiziale a tutela della parte che per incapacita' o vizio del volere non esprime un integro e consapevole consenso." (Diritto Civile, il contratto Massimo Bianca (Giuffre, 1998) pagna 603)."*

Għalkemm din il-Qorti eskludiet li l-azzjoni ma hiex kostruwita intrinsikament fuq il-vizzju tal-kunsens, il-fatt li permezz tal-ewwel talba l-Attriċi qed titlob in-nullita' tal-ftehim bejn il-konvenut u l-Awtorita' konvenuta, huwa xorta neċessarju u indispensabbli, li min qiegħed iressaq il-pretensjoni kien fil-fatt parti għal ftehim. Fin-nuqqas, azzjoni bħal din ma tista' qatt tirnexxi, għaliex mhux ravviżibbli fil-liġi, li persuna estraneja għan-negozju legali bejn terzi, tattakka l-validita' ta' dan in-negozju. Li kellha tkun aċċettata din ipotesi legali, inkunu qiegħdin inpoġġu fil-perikolu wieħed mill-aktar effetti importanti tal-kuntratti u ċioe' li "*il-kuntratti ma jistgħux jiġu mħassra ħlief <u>bil-kunsens ta' xulxin tal-partijiet</u>".* (Ara artikolu 992(2) tal-Kodiċi Ċivili). L-Attriċi ma kienitx waħda mill-partijiet li tat il-kunsens tagħha għall-ftehim tal-10 ta' Marzu 2017 u għalhekk ma tipposjediex l-interess ġuridiku neċessarju biex tressaq l-azzjoni odjerna.

Il-Qorti ser tqis ukoll il-kwistjoni ta' arrikament indebitu. L-azzjoni ta' de rem inverso tippresupponi li jkun sar akkwist li daħal fil-patrimonju tad-debitur. Iżda ma inġabet ebda prova li dan, fil-fatt sar. Huwa prospettat li jsir, iżda ma sarx.

Huwa paċifikament ritenut mill-ġurisprudenza li biex tirnexxi dina l-azzjoni jeħtieġ jikkonkorru tlett fatturi:

1. Li l-ħaġa li tkun ġiet versata, jew li tkun għaddiet fil-patrimonju tal-konvenut, tirriżulta ta' vantaġġ u utilita' għalih;

2. Li dak il-passaġġ tal-ħaġa jkun sar b'titolu lukrattiv; u

3. Li min ikun irċieviha jkun sar aktar sinjur b'dak li jgħaddi għandu. (Ara **Sentenza tas-16 ta' April, 2004 fl-ismijiet Louis Vella -vs- Alfred Borg et**).

Issa kif jista' jingħad li hemm arrikament indebitu jekk sal-lum, ma kien hemmx il-passaġġ tal-ħaġa, fil-każ odjern il-ħlas u kumpens.

Il-Qorti sejra għaldaqstant tiċħad it-talbiet attriċi u tilqa' r-raba eċċezzjoni kif sollevata mill-Awtoritá Konvenuta li "*l-pretensjonijiet imressqa minn R. Galea huma fis-sustanza tagħha ħwejjeġ li jirrigwardjaw lilha u lil-Intimat A. McKay u per konsegwenza l-Awtoritá m'għandhiex tidħol fihom jew tbati xi konsegwenzi a kawża ta' dan u dana skont il-prinċipju ben stabbilit fid-dritt tagħna 'res inter alios acta, aliis nec nocet nec podest'.*"

**<u>Decide:</u>**

Għaldaqstant, għal dawn il-motivi, il-Qorti qiegħda taqta' u tiddeċiedi l-kawża billi;

**Tilqa' r-raba eċċezzjoni tal-awtoritá Konvenuta;**

**Tiċħad it-talbiet Attriċi.**

L-ispejjeż tal-kawża jitħallsu mill-Attriċi.

**Imħallef Toni Abela**

**Deputat Reġistratur**